

32004R0781

27.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 123/85

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 781/2004**tas-26 ta' April 2004****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar il-pagamenti li għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trademarks u Disinji)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 fuq it-trademark tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tieħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trademark tal-Komunità ⁽²⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 fuq il-pagamenti li għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni ⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 142 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, "hawnhekk iżjed 'il quddiem ir-Regolament", jipprovdi li l-ħlas għandu jiġi ntaxxat għall-applikazzjonijiet internazzjonali bażati fuq trademark tal-Komunità jew fuq applikazzjoni ta' trademark tal-Komunità ffajljata fl-Uffiċċju.
- (2) L-Artikolu 154 ta' l-istess Regolament jipprovdi li għal konverżjoni ta' denominazzjoni tal-Komunità Ewropea permezz ta' reġistrazzjoni internazzjonali f'applikazzjoni nazzjonali tat-trademark jew f'deskrizzjoni ta' l-Istati Membri taħt il-Ftehim ta' Madrid jew il-Protokoll ta' Madrid, l-Artikoli 108 sa 110 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, u b'mod partikolari l-Artikolu 109 paragrafu 1, jipprovdi li t-talba għal konverżjoni ma għandiex tkun maħsuba li hi ffajljata sakemm il-ħlas tal-konverżjoni jiġi mħallas.
- (3) L-Artikolu 139 paragrafu 2 ta' dan ir-Regolament jipprovdi li l-ammonti ta' pagamenti li għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju għandhom ikunu ffsatti għall-livell li jiżgura li d-dħul ta' dawn huma biżżejjed għall-baġit tal-Uffiċċju biex ikun ibbilanċjat.
- (4) L-Artikoli 11, 12 u 13 ta' dan ir-Regolament jipprovdu għall-pagamenti li għandhom jitħallsu lill-Bureau Internazzjonali skond ir-regoli ta' pagamenti tagħhom.
- (5) L-Artikolu 139 paragrafu 3 ta' dan ir-Regolament jipprovdi li r-regolament fuq il-ħlas għandu jiġi emendat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 158.
- (6) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat fuq il-ħlas, Regoli fuq l-Implimentazzjoni u l-Proċedura tal-Bordijiet ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2869/95 fuq il-pagamenti li għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 punt 20 għandu jinqara kif ġej:

" (in EUR)

20. Il-ħlas għall-konverżjoni ta' applikazzjoni ta' trademark tal-Komunità (L-Artikolu 109(1), ukoll b'konġunzjoni mal-Artikolu 154(1); Regola 45(2), ukoll b'konġunzjoni mar-Regola 123(2))	200"
(a) f'applikazzjoni ta' trademark nazzjonali	
(b) f'denominazzjoni ta' Stati Membri taħt il-ftehim ta' Madrid jew il-Protokoll ta' Madrid	

⁽¹⁾ ĠU L 11 of ta' l-14.1.1994, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 303, 15.12.1995, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 303, 15.12.1995, p. 33.

2. Fl-aħħar ta' l-Artikolu 2, li ġej għandu jiġi miżjud:

	“(in EUR)”
31. Ħlas għall-iffajljar ta' applikazzjoni internazzjonali fl-Uffiċċju (L-Artikolu 142(5))	300”

3. Fl-Artikolu 2, 3(3) u 8(3)(b), referenzi għall-ECU għandhom jiġu mibdula b'referenzi għall-EUR.

4. L-Artikolu 6 għandu jinqara kif ġej:

“L-Artikolu 6

Muniti

Kull pagament, inkluż b'kull metodu ta' pagament permess mill-President b'mod konformi mal-Artikolu Article 5(2), għadu jsir f'EUR.”

5. L-Artikoli 11, 12, 13 u 14 li ġejjin għandhom jiddaħlu wara l-Artikolu 10:

“L-Artikolu 11

Ħlas individwali għall-reġistrazzjoni internazzjonali li tidnomina l-Komunità Ewropea

1. L-applikant għall-applikazzjoni internazzjonali li tidnomina l-Komunità Ewropea għandu jkun meħtieġ li jħallas lill-Bureau Internazzjonali pagament individwali għall-denominazzjoni tal-Komunità Ewropea skond l-Artikolu 8(7) tal-Protokoll ta' Madrid.

2. It-titolari ta' reġistrazzjoni internazzjonali li jiffajlja talba għall-estensjoni territorjali li tidnomina l-Komunità Ewropea magħmula sussegwentement għall-reġistrazzjoni internazzjonali għandu jkun meħtieġ li jħallas lill-Bureau Internazzjonali pagament individwali għall-denominazzjoni tal-Komunità Ewropea skond l-Artikolu 8(7) tal-Protokoll ta' Madrid.

3. L-ammont tal-ħlas taħt paragrafu 1 jew 2 għandu jkun ekwivalenti fi Franki Svizzeri, kif stabbilit mid-Direttur General ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprietà Intellattwali b'mod konformi mar-Regola 35(2) tar-Regolamenti Komuni taħt il-Ftehim ta' Madrid u l-Protokoll, ta' l-ammonti li ġejjin:

- (a) għal marka individwali: EUR 1 875 biż-żieda, fejn applikabbli, ta' EUR 400 għal kull klassi ta' merkanzija jew servizzi li jeċċedu tlieta,
- (b) għall-marka kollettiva kif imsemmija fir-Regola 121(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95: EUR 3 675 biż-żieda, ta' EUR 800 għal kull klassi ta' merkanzija jew servizzi li jeċċedu tlieta.

Artikolu 12

Ħlas individwali għall-rinnovament ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tidnomina l-Komunità Ewropea

1. It-titolari ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tidnomina l-Komunità Ewropea għandu jkun meħtieġ li jħallas lill-Bureau Internazzjonali, bħala parti mill-pagamenti għall-rinnovament tar-reġistrazzjoni internazzjonali, pagament individwali għall-denominazzjoni tal-Komunità Ewropea skond l-Artikolu 8(7) tal-Protokoll ta' Madrid.

2. L-ammont tal-ħlas imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ekwivalenti fi Franki Svizzeri, kif stabbilit mid-Direttur General ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprietà Intellattwali b'mod konformi mar-Regola 35(2) tar-Regolamenti Komuni taħt il-Ftehim ta' Madrid u l-Protokoll, ta' l-ammonti li ġejjin:

- (a) f'każ ta' marka individwali: EUR 2 300 biż-żieda ta' EUR 500 għal kull klassi ta' merkanzija u servizzi li jkunu jinsabu fir-reġistrazzjoni internazzjonali li jeċċedu tlieta;
- (b) f'każ ta' marka kollettiva kif imsemmija fir-Regola 124(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95: EUR 4 800 biż-żieda ta' EUR 1 000 għal kull klassi ta' merkanzija u servizzi li jkunu jinsabu fir-reġistrazzjoni internazzjonali li jeċċedu tlieta.

*Artikolu 13***Rifużjoni ta' pagamenti wara li ssir rifjut ta' protezzjoni**

1. Fejn ir-rifjut huwa għal kull merkanzija u servizzi li jkunu jinsabu fid-denominazzjoni tal-Komunità Ewropea, l-ammont tal-ħlas li jiġi rifużjonat skond l-Artikolu 149(4) jew l-Artikolu 151(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 għandu jkun

- (a) f'każ ta' marka individwali: EUR 1 100 biż-żjieda ta' EUR 200 għal kull klassi ta' merkanzija u servizzi li jkunu jinsabu fir-reġistrazzjoni internazzjonali li jeċċedu tlieta;
- (b) f'każ ta' marka kollettiva: EUR 2 200 biż-żjieda ta' EUR 400 għal kull klassi ta' merkanzija u servizzi li jkunu jinsabu fir-reġistrazzjoni internazzjonali li jeċċedu tlieta.

2. Fejn ir-rifjut huwa biss għal parti waħda tal-merkanzija u servizzi li jkunu jinsabu fid-denominazzjoni tal-Komunità Ewropea, l-ammont tal-ħlas li jiġi rifużjonat skond l-Artikolu 149(4) jew l-Artikolu 151(4) tar-Regolament għandu jkun ekwivalenti għal 50 % tad-differenza tal-klassi ta' pagamenti li għandhom jitħallsu taħt l-Artikolu 11(3) u l-klassi ta' pagamenti ikollhom jitħallsu taħt l-Artikolu 11(3) ta' dan ir-Regolament jekk id-denominazzjoni tal-Komunità Ewropea tkun inkludiet biss dik il-merkanzija u servizzi li għalihom ir-reġistrazzjoni internazzjonali tibqa protetta fil-Komunità Ewropea.

3. Ir-rifużjoni għandha ssir meta l-komunikazzjoni lill-Bureau Internazzjonali skond ir-Regola 113(2)(b) sa (d) jew Regola 115(3)(b) sa (d) u (4) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95 tkun ġiet maħruġa.

4. Ir-rifużjoni għandha ssir lit-titolat tar-reġistrazzjoni internazzjonali jew ir-rappresentant tiegħu.

Artikolu 14

L-Artikoli 1 sa 10 ma japplikawx għall-pagament individwali li għandu jiġi mħallas lill-Bureau Internazzjonali.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data fejn il-Protokoll ta' Madrid jidħol fis-seħħ rigward il-Komunità Ewropea. Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandhu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni